MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 399/2014

**P. Cutajar & Co Limited**

**(C 293)**

**vs**

**Joseph Vella (ID 329254M)**

**u**

**Ta' Natu Limited (C 8167)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2015**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Dicembru 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' ghaxart elef, sebgha mija u hamsin Euro u sittin centezmu (€10,750.60) rapprezentanti merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata u mhux imhallsa kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 619/14 u bl-imghax bir-rata a tenur ta' l-Artikolu 26A tal-Kap13, mit-2 ta' Settembru 2013 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fis 26 ta' Marzu 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali Naxxar u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Naxxar (fol 14 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil 5 ta' Mejju 2015 (fol 12) u fit-Malta Independent u fl-Orizzont fil 11 ta' Mejju 2015 (fol 15 et seq).

Illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 19).

Rat illi fis-seduta ta' llum, 21 ta' Mejju 2015 il-konvenuti gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ s-somma ta’ ghaxart elef, sebgha mija u hamsin Euro u sittin centezmu (€10,750.60) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------